



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2012/0360(COD)

16.10.2013

EMENDI 63 - 90

**Abbozz ta' rapport
Klaus-Heiner Lehne**
(PE519.445v01-00)

Emenda tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 dwar proċedimenti ta' falliment

Proposta għal regolament
(COM(2012)0744 – C7-0413/2012 – 2012/0360(COD))

AM\1006595MT.doc

PE521.673v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

AM_Com_LegReport

Emenda 63

Eva Lichtenberger

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 7

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Premessa 9a

Test propost mill-Kummissjoni

(9a) Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu jestendi għall-proċedimenti li jippromwovu s-salvataġġ ta' debitur ekonomikament vijabbli sabiex negozji tajbin jingħataw għajna biex isalvaw u l-intraprendituri jingħataw ċans ieħor. Dan għandu jestendi l-iktar għall-proċedimenti li jipprovdu r-ristrutturazzjoni ta' debitur fl-istadju ta' qabel l-insolvenza, proċedimenti li jħallu t-tmexxija eżistenti fejn hi u proċedimenti li jipprovdu l-għeluq tad-dejn tal-konsumaturi u l-persuni impjegati għal rashom. *Peress li dawn il-proċedimenti ma jfissrux bilfors* li jinħatar likwidatur, huma għandhom ikunu koperti minn dan ir-Regolament jekk iseħħu taħt il-kontroll jew sorveljanza ta' qorti. *F'dan il-kuntest, it-terminu "kontroll" għandu jinkludi sitwazzjonijiet fejn il-qorti tintervjeni biss wara appell minn kreditur jew parti interessata."*

Emenda

(9a) Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu jestendi għall-proċedimenti li jippromwovu s-salvataġġ ta' debitur ekonomikament vijabbli sabiex negozji tajbin jingħataw għajna biex isalvaw u l-intraprendituri jingħataw ċans ieħor. Dan għandu jestendi l-iktar għall-proċedimenti li jipprovdu r-ristrutturazzjoni ta' debitur fl-istadju ta' qabel l-insolvenza, proċedimenti li jħallu t-tmexxija eżistenti fejn hi u proċedimenti li jipprovdu l-għeluq tad-dejn tal-konsumaturi u l-persuni impjegati għal rashom. Dawn il-proċedimenti *għandhom ifissru* li jinħatar likwidatur, huma għandhom ikunu koperti minn dan ir-Regolament jekk iseħħu taħt il-kontroll jew sorveljanza ta' qorti.

Or. en

Emenda 64

Eva Lichtenberger

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 12

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Premessa 19a

Test propost mill-Kummissjoni

(19a) Proċedimenti sekondarji jistgħu jxekklu l-amministrazzjoni effiċjenti tal-assi. Għalhekk, il-qorti li tiftaħ proċedimenti sekondarji, fuq talba tal-likwidatur, għandha tkun tista' tipposponi jew tirrifjuta l-ftuħ jekk dawn il-proċedimenti ma jkunux neċessarji biex iħarsu l-interessi tal-kredituri lokali. Dan għandu jkun il-każ l-iktar jekk il-likwidatur, permezz ta' impenn li jorbot lill-assi, jaqbel li jittratta lill-kredituri lokali bħallikieku nfetħu proċedimenti sekondarji u japplika r-regoli ta' klassifikazzjoni tal-Istat Membru fejn ikun intalab il-ftuħ ta' proċedimenti sekondarji meta jqassam l-assi li jinsabu f'dak l-Istat Membru. Dan ir-Regolament għandu jikkonferixxi fuq il-likwidatur il-possibilità li jagħmel impenji ta' dan it-tip.

Emenda

(19a) Proċedimenti sekondarji jistgħu jxekklu l-amministrazzjoni effiċjenti tal-assi. Għalhekk, il-qorti li tiftaħ proċedimenti sekondarji, fuq talba tal-likwidatur, għandha tkun tista' tipposponi jew tirrifjuta l-ftuħ jekk dawn il-proċedimenti ma jkunux neċessarji biex iħarsu l-interessi tal-kredituri lokali. Dan għandu jkun il-każ l-iktar jekk il-likwidatur, permezz ta' impenn li jorbot lill-assi, jaqbel li jittratta lill-kredituri lokali bħallikieku nfetħu proċedimenti sekondarji u japplika r-regoli ta' klassifikazzjoni tal-Istat Membru fejn ikun intalab il-ftuħ ta' proċedimenti sekondarji meta jqassam l-assi li jinsabu f'dak l-Istat Membru. Dan ir-Regolament għandu jikkonferixxi fuq il-likwidatur il-possibilità li jagħmel impenji ta' dan it-tip ***u jippreskrivi kriterji oġġettivi li tali impriżi jridu jissodisfaw.***

Or. en

Emenda 65

Sergio Gaetano Cofferati, Luigi Berlinguer

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 14

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Premessa 20a

Test propost mill-Kummissjoni

(20a) Dan ir-Regolament għandu jiżgura l-amministrazzjoni effiċjenti tal-proċedimenti ta' falliment relatati ma' kumpaniji differenti li jiffurmaw parti minn grupp ta' kumpaniji. Meta jinfetħu proċedimenti ta' falliment għal bosta kumpaniji tal-istess grupp, dawn il-proċedimenti għandhom ikunu kkoordinati sew. Għalhekk il-likwidaturi varji u l-qrati

Emenda

(20a) Dan ir-Regolament għandu jiżgura l-amministrazzjoni effiċjenti tal-proċedimenti ta' falliment relatati ma' kumpaniji differenti li jiffurmaw parti minn grupp ta' kumpaniji. Meta jinfetħu proċedimenti ta' falliment għal bosta kumpaniji tal-istess grupp, dawn il-proċedimenti għandhom ikunu kkoordinati sew, ***l-aktar għall-fini li jkun evitat li l-***

involuti għandu jkollhom l-istess obbligu ta' kooperazzjoni u komunikazzjoni ma' xulxin bħal dawk involuti fi proċedimenti prinċipali u sekondarji relatati mal-istess debitur. Barra minn hekk, likwidatur maħtur fi proċedimenti relatati ma' membru ta' grupp ta' kumpaniji għandu jkollu locus standi biex jipproponi pjan ta' salvataġġ fil-proċedimenti li jikkonċernaw membru ieħor tal-istess grupp safejn din l-għodda tkun disponibbli fil-liġi nazzjonali tal-insolvenza.

insolvenza ta' kumpanija tal-grupp tipperikola l-prosegwiment tal-attivitajiet tal-oħrajn. Għalhekk il-likwidaturi varji u l-qrati involuti għandu jkollhom l-istess obbligu ta' kooperazzjoni u komunikazzjoni ma' xulxin bħal dawk involuti fi proċedimenti prinċipali u sekondarji relatati mal-istess debitur. Barra minn hekk, likwidatur maħtur fi proċedimenti relatati ma' membru ta' grupp ta' kumpaniji għandu jkollu locus standi biex jipproponi pjan ta' salvataġġ fil-proċedimenti li jikkonċernaw membru ieħor tal-istess grupp safejn din l-għodda tkun disponibbli fil-liġi nazzjonali tal-insolvenza.

Or. it

Emenda 66

Eva Lichtenberger

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 21

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 1 – paragrafu 1 – kliem introduttorju

Test propost mill-Kummissjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għall-proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji, inklużi proċedimenti interim, li huma bbażati fuq liġi relatata mal-insolvenza jew aġġustament tad-dejn ***u fejn***, għall-fini ta' ***salvataġġ***, aġġustament tad-dejn, riorganizzazzjoni jew likwidazzjoni,

Emenda

1. Dan ir-Regolament japplika għall-proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji, inklużi proċedimenti interim, li huma bbażati fuq liġi relatata mal-insolvenza jew aġġustament tad-dejn għall-fini ta' ***evitar ta' likwidazzjoni***, aġġustament tad-dejn, riorganizzazzjoni jew likwidazzjoni,

Or. en

Emenda 67

Eva Lichtenberger

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 21

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) *istituzzjonijiet* ta' kreditu,

Emenda

(b) *kull istituzzjoni* ta' kreditu, *inklużi l-istituzzjonijiet definiti fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2013/36/UE,*

Or. en

Emenda 68

Eva Lichtenberger

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 21

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) kumpaniji ta' investiment safejn huma koperti mid-Direttiva 2001/24/KE kif emendata, u

Emenda

(c) kumpaniji ta' investiment safejn huma koperti mid-Direttiva 2001/24/KE kif emendata, u *l-istituzzjonijiet soġġetti għad-Direttiva 2011/61/UE,*

Or. en

Emenda 69

Jean-Pierre Audy

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 21

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 2 – punt b – subpunt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) *f'kawża li ma tinvolvix il-ħatra ta' likwidatur jew it-trasferiment tas-setgħat*

Emenda

imħassar

tad-debitur lil likwidatur, id-debitur jibqa' fil-pussess.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Jidher stramb li l-"likwidatur" jiġi msejjaħ id-debitur li jibqa' fil-pussess fl-assenza ta' ħatra minn likwidatur.

Emenda 70
Jean-Pierre Audy

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 21
Regolament (KE) Nru 1346/2000
Artikolu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) "qorti" tfisser fl-artikoli kollha ħlief l-Artikolu 3b(2) il-korp ġudizzjarju **jew kull korp kompetenti ieħor ta' Stat Membru** li għandu s-setgħa jiftaħ il-proċedimenti ta' falliment, li jikkonferma dan il-ftuħ jew li jieħu deċiżjoni tul dawk il-proċedimenti;

Emenda

(c) "qorti" tfisser fl-artikoli kollha ħlief l-Artikolu 3b(2) il-korp ġudizzjarju li għandu s-setgħa jiftaħ il-proċedimenti ta' falliment, li jikkonferma dan il-ftuħ jew li jieħu deċiżjoni tul dawk il-proċedimenti;

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Dawn il-proċedimenti għandhom jithallw f'idejn il-qrati nfushom minħabba fraġunijiet ta' ġestjoni indipendenti ta' dawn il-proċedimenti.

Emenda 71
József Szájer, Alajos Mészáros

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 21
Regolament (KE) Nru 1346/2000
Artikolu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) "stabiliment" tfisser kull post ta'

Emenda

(g) "stabiliment" tfisser kull post ta'

operazzjoni fejn id-debitur iwettaq attività ekonomika mhux tranżitorja b'mezzi umani jew b'assi;

operazzjoni fejn id-debitur iwettaq **jew wettaq** attività ekonomika mhux tranżitorja b'mezzi umani jew b'assi;

Or. en

Emenda 72
Sergio Gaetano Cofferati, Luigi Berlinguer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 22
Regolament (KE) Nru 1346/2000
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-qradi tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun jinsab iċ-ċentru prinċipali tal-interessi tad-debitur ikollu l-ġurisdizzjoni biex jiftaħ il-proċedimenti ta' falliment ("il-proċedimenti prinċipali"). Iċ-ċentru prinċipali tal-interessi" jkun il-post fejn id-debitur iwettaq l-amministrazzjoni tal-interessi tiegħu fuq bażi regolari u li jista' jiġi aċċertat minn partijiet terzi.

Emenda

1. Il-qradi tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun jinsab iċ-ċentru prinċipali tal-interessi tad-debitur ikollu l-ġurisdizzjoni biex jiftaħ il-proċedimenti ta' falliment ("il-proċedimenti prinċipali"). Iċ-ċentru prinċipali tal-interessi" jkun il-post fejn id-debitur iwettaq l-amministrazzjoni tal-interessi tiegħu fuq bażi regolari **qabel il-ftuħ ta' proċedura ta' insolvenza jew ta' proċedura provviżorja** u li jista' jiġi aċċertat minn partijiet terzi.

Or. it

Emenda 73
Jean-Pierre Audy

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 22
Regolament (KE) Nru 1346/2000
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Fil-każ ta' individwu li jeżerċità attività professjonali jew kummerċjali indipendenti, iċ-ċentru prinċipali tal-interessi jkun il-post prinċipali ta' negozju

Emenda

imħassar

tal-individwu; fil-każ ta' kull individwu ieħor, iċ-ċentru prinċipali tal-interessi jkun il-post tar-residenza abitwali tal-individwu.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Ma jidhirx li hu neċessarju li ssir eċċezzjoni għal professjoni indipendenti jekk tkun impriża.

Emenda 74

Sergio Gaetano Cofferati, Luigi Berlinguer

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 23

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 3b – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

5. Meta jinfetħu proċedimenti ta' falliment skont il-liġi nazzjonali mingħajr deċiżjoni ta' qorti, ***il-likwidatur maħtur f'dawk il-proċedimenti għandu*** jeżamina jekk l-Istat Membru fejn il-proċedimenti huma pendent għandux il-ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 3. Fejn dan ikun il-każ, il-likwidatur jispeċifika fuq xiex tkun ibbażata l-ġurisdizzjoni, u, b'mod partikolari, jekk il-ġurisdizzjoni tkunx ibbażata fuq l-Artikolu 3(1) jew (2).

Emenda

2. Meta jinfetħu proċedimenti ta' falliment skont il-liġi nazzjonali mingħajr deċiżjoni ta' qorti, ***xorta jkun fdat lill-qorti li tkun nnominat lil-likwidatur il-kompitu li*** jeżamina jekk l-Istat Membru fejn il-proċedimenti huma pendent għandux il-ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 3 Fejn dan ikun il-każ, il-likwidatur jispeċifika fuq xiex tkun ibbażata l-ġurisdizzjoni, u, b'mod partikolari, jekk il-ġurisdizzjoni tkunx ibbażata fuq l-Artikolu 3(1) jew (2).

Or. it

Emenda 75

Cecilia Wikström, Rebecca Taylor

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 23

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikole 3b – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

5. Meta jinfetħu proċedimenti ta' falliment skont il-liġi nazzjonali mingħajr deċiżjoni ta' qorti, il-likwidatur maħtur f'dawk il-proċedimenti għandu jeżamina jekk l-Istat Membru fejn il-proċedimenti huma pendenti għandux il-ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 3. **Fejn dan ikun il-każ**, il-likwidatur jispeċifika fuq xiex tkun ibbażata l-ġurisdizzjoni, u, b'mod partikolari, jekk il-ġurisdizzjoni tkunx ibbażata fuq l-Artikolu 3(1) jew (2).

Emenda

2. Meta jinfetħu proċedimenti ta' falliment skont il-liġi nazzjonali mingħajr deċiżjoni ta' qorti, il-likwidatur maħtur f'dawk il-proċedimenti għandu jeżamina jekk l-Istat Membru fejn il-proċedimenti huma pendenti għandux il-ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 3. **F'każijiet bħal dan**, il-likwidatur jispeċifika fuq xiex tkun ibbażata l-ġurisdizzjoni, u, b'mod partikolari, jekk il-ġurisdizzjoni tkunx ibbażata fuq l-Artikolu 3(1) jew (2).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda ġġib bidla teknika minuri. Altrimenti nappoġġjaw il-proposta tal-Kummissjoni kif kienet abbozzata l-aktar billi l-proċeduri straġudizzjarji ta' sikwit huma proċeduri ta' qabel l-insolvenza jew ta' salvataġġ. Il-proċeduri straġudizzjarji kienu wkoll parti mir-Regolament sa mill-2002 u kienu ta' suċċess f'xi Stati Membri. Barra minn hekk, il-proċeduri straġudizzjarji huma spiss aktar attraenti għall-SMEs u l-mikro-entijiet li jittrattaw mal-kredituri lokali billi l-kostijiet huma aktar baxxi. Fir-rapport tagħha tal-2011 dwar id-Dinamiċi tan-Negożju, il-Kummissjoni semmiet li l-"pajjiżi b'riżoluzzjonijiet straġudizzjarji aktar effiċjenti għandhom rata aktar baxxa ta' insolvenzi u rata oġhla ta' sopravvivenza" u hu għaldaqstant importanti li tinżamm il-proposta tal-Kummissjoni.

Emenda 76
Sajjad Karim

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 23

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 3b – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

5. Meta jinfetħu proċedimenti ta' falliment skont il-liġi nazzjonali mingħajr deċiżjoni ta' qorti, **il-likwidatur** maħtur f'dawk il-proċedimenti għandu jeżamina jekk l-Istat Membru fejn il-proċedimenti huma pendenti għandux il-ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 3. Fejn dan ikun il-każ, **il-**

Emenda

2. Meta jinfetħu proċedimenti ta' falliment skont il-liġi nazzjonali mingħajr deċiżjoni ta' qorti, **ir-rappreżentant tal-insolvenza** maħtur f'dawk il-proċedimenti għandu jeżamina jekk l-Istat Membru fejn il-proċedimenti huma pendenti għandux il-ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 3. Fejn dan

likwidatur jispeċifika fuq xiex tkun ibbażata l-ġurisdizzjoni, u, b'mod partikolari, jekk il-ġurisdizzjoni tkunx ibbażata fuq l-Artikolu 3(1) jew (2).

ikun il-każ, **ir-rappreżentant tal-insolvenza** jispeċifika fuq xiex tkun ibbażata l-ġurisdizzjoni, u, b'mod partikolari, jekk il-ġurisdizzjoni tkunx ibbażata fuq l-Artikolu 3(1) jew (2). **Tali speċifikazzjoni tista' tkun rivista minn qorti fil-ġurisdizzjoni invokata mir-rappreżentant tal-insolvenza, f'każijiet fejn ikun hemm kontenuzjużi konkorrenti għall-ġurisdizzjoni bbażati fuq l-Artikolu 3.**

Or. en

Emenda 77

Sergio Gaetano Cofferati, Luigi Berlinguer

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 1a (ġdid)

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 20 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) jekk kemm-il darba bejn il-kredituri jkunu hemm ħaddiema impjegati mal-insolventi, dawn igawdu jedd ta' prelazzjoni kwantu għall-irkupru tal-kwota tagħhom tal-kreditu.

Or. it

Emenda 78

Jean-Pierre Audy

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 29

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 20a – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri jippreskrivu l-proċeduri li jippermettu l-istralċ mir-reġistru tal-

*insolvenza pereżempju sakemm ma jiġu
saldati d-debiti.*

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Jaqbel li tkun prevista proċedura ta' stralċ mir-reġistru tal-insolvenza.

Emenda 79

Sergio Gaetano Cofferati, Luigi Berlinguer

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 30

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

12. Sakemm is-sistema ta' interkonnessjoni tar-reġistri ta' insolvenza msemija fl-Artikolu 20b tkun stabbilita, il-likwidatur jitlob li avviż tas-sentenza li tiftaħ proċedimenti ta' falliment u, fejn xieraq, id-deċiżjoni li taħtru, ikunu ppubblikati f'kull Stat Membru ieħor fejn hemm stabbiliment tad-debitur b'konformità mal-pubblikazzjoni stipulata f'dak l-Istat. Dik il-pubblikazzjoni tispesifika ***wkoll il-likwidatur maħtur u jekk ir-regola tal-ġuriżdiżjoni applikata tkunx dik skont l-Artikolu 3(1) jew (2).***

Emenda

1. Sakemm is-sistema ta' interkonnessjoni tar-reġistri ta' insolvenza msemija fl-Artikolu 20b tkun stabbilita, il-likwidatur jitlob li avviż tas-sentenza li tiftaħ proċedimenti ta' falliment u, fejn xieraq, id-deċiżjoni li taħtru, ikunu ppubblikati f'kull Stat Membru ieħor fejn hemm stabbiliment tad-debitur b'konformità mal-pubblikazzjoni stipulata f'dak l-Istat. Dik il-pubblikazzjoni tispesifika ***xorta waħda t-tagħrif previst fl-Artikolu 20 (a).***

Or. it

Emenda 80

József Szájer, Alajos Mészáros

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 34

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 29a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

16. Il-qorti ppreżentata b'talba għall-ftuħ ta' proċedimenti sekondarji *tavża* minnufih *lil-likwidatur fil-proċedimenti prinċipali u tagħtih l-opportunità li jinstema' dwar it-talba.*

Emenda

1. Il-qorti ppreżentata b'talba għall-ftuħ ta' proċedimenti sekondarji *tiftaħ* minnufih *proċedura lokali temporanja u taħtar eżerċenti lokali li jeżerċita fil-kamp tal-insolvenza. Fi żmien ġurnata waħda tax-xogħol, il-Qorti tagħti provvedimenti għall-pubblikazzjoni tar-rikjesta nnifisha, u tas-sospensjoni temporanja tal-pagament b'effett immedjat fir-reġistru tal-insolvenzi. Il-Qorti minnufih tinnotifika lill-eżerċenti tal-insolvenza fil-proċediment il-prinċipali.*

Or. en

Emenda 81

József Szájer, Alajos Mészáros

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 34

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 29a – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Sabiex tkun żgurata l-amministrazzjoni effiċjenti tal-assi, il-poteri tal-eżerċenti temporanju tal-insolvenza jkunu ristretti. Id-dispożizzjoni tal-beni tad-debitur mill-eżerċenti temporanju tal-insolvenza tkun soġġetta għall-approvazzjoni mill-eżerċenti tal-insolvenza fil-proċediment il-prinċipali.

Emenda

Or. en

Emenda 82

József Szájer, Alajos Mészáros

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 34

Test propost mill-Kummissjoni

17. Fuq talba ***tal-likwidatur*** fil-proċedimenti prinċipali, il-qorti msemmija fil-paragrafu 1 tipposponi d-deċiżjoni tal-ftuħ jew tirrifjuta l-ftuħ ta' proċedimenti sekondarji jekk ***il-ftuħ ta' dawn il-proċedimenti ma tkunx neċessarja biex tħares l-interessi tal-kredituri lokali, b'mod partikolari, meta l-likwidatur fil-proċedimenti prinċipali ikun ta l-impenn imsemmi fl-Artikolu 18(1) u jimxi mat-termini tiegħu.***

Emenda

2. Fuq talba ***li għandha tiġi ppreżentata fi żmien tliet ġimgħat mill-pubblikazzjoni mill-eżerċenti tal-insolvenzi*** fil-proċedimenti prinċipali, il-qorti msemmija fil-paragrafu 1 tipposponi d-deċiżjoni tal-ftuħ jew tirrifjuta l-ftuħ ta' proċedimenti sekondarji jekk ***l-eżerċenti tal-insolvenzi fil-proċedimenti prinċipali jagħti evidenza biżżejjed li l-ftuħ ta' tali proċedimenti ma jkunx neċessarju għall-ħarsien tal-interessi tal-kredituri lokali.***

Or. en

Emenda 83

József Szájer, Alajos Mészáros

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 34

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 29a – paragrafu 2a (ġdid) – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Sabiex jiġi evitat il-ftuħ ta' proċediment sekondarju, l-eżerċenti tal-insolvenzi jista' wkoll jimpenja ruħu ("l-impenn") li l-jeddijiet ta' distribuzzjoni u prijorità li kien ikollhom il-kredituri lokali kieku jkunu nfetħu proċedimenti sekondarji jkunu rispettati fil-proċedimenti prinċipali. L-impenn isir f'islen uffiċjali jew f'wieħed mill-ilsna uffiċjali tal-Istat Membru fejn seta' sar l-ftuħ tal-proċedimenti sekondarji. L-impenn ikun suġġett għar-rekwiżiti ta' forma, jekk ikun hemm, tal-Istat fejn isir il-ftuħ tal-proċediment lokali temporanju u jkun jivvinkola lill-assi sa ma jinftaħ il-proċediment sekondarju fl-Istat Membru li hemm riferiment għalih fil-paragrafu 1.

Emenda 84
József Szájer, Alajos Mészáros

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 34
Regolament (KE) Nru 1346/2000
Artikolu 29a – paragrafu 2a (ġdid) – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Qorti li hemm riferiment għaliha fil-paragrafu 1 ittawwal il-ħatra tal-eżerċenti lokali temporanju tal-insolvenzi għall-fini li tiegħu sehem fl-implementazzjoni tal-impenn jekk ikun neċessarju għall-ħarsien tal-interessi tal-kredituri lokali.

Emenda 85
Sergio Gaetano Cofferati, Luigi Berlinguer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 34
Regolament (KE) Nru 1346/2000
Artikolu 29a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

19. Il-likwidatur fil-proċedimenti prinċipali jiġi avżat bid-deċiżjoni tal-ftuħ ta' proċedimenti sekondarji u għandu jkollu d-dritt li jikkontesta dik id-deċiżjoni.

4. Il-likwidatur fil-proċedimenti prinċipali jiġi avżat bid-deċiżjoni tal-ftuħ ta' proċedimenti sekondarji u għandu jkollu d-dritt li jikkontesta dik id-deċiżjoni ***fi żmien tliet ġimgħat mir-riċevuta tan-notifika nnifisha.***

Emenda 86
Sergio Gaetano Cofferati, Luigi Berlinguer

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 45

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 42d – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

40. Il-qorti li tkun **fether** proċedimenti msemija fil-punt b) tal-paragrafu 1 tissospendi l-proċedimenti kompletament jew parzjalment jekk **jintwera** li dik is-sospensjoni tkun għall-benefiċċju tal-kredituri f'dawk il-proċedimenti. **Dik is-sospensjoni** tista' tiġi ordnata għal sa **tliet xhur** u tista' titkompla jew tiġġedded għall-istess perjodu. Il-qorti li tordna s-sospensjoni titlob lir-rappreżentant tal-insolvenza jieħu kull miżura xierqa għall-garanzija tal-interessi tal-kredituri fil-proċedimenti.

Emenda

2. Il-qorti li tkun **fetħet** proċedimenti msemija fil-punt b) tal-paragrafu 1 tissospendi l-proċedimenti kompletament jew parzjalment jekk **il-likwidatur jippreżenta provi biżżejjed li juru** li dik is-sospensjoni tkun għall-benefiċċju tal-kredituri f'dawk il-proċedimenti. **Is-sospensjoni** tista' tiġi ordnata għal sa **xahrejn** u tista' titkompla jew tiġġedded għall-istess perjodu. Il-qorti li tordna s-sospensjoni titlob lir-rappreżentant tal-insolvenza jieħu kull miżura xierqa għall-garanzija tal-interessi tal-kredituri fil-proċedimenti.

Or. it

Emenda 87

Sergio Gaetano Cofferati, Luigi Berlinguer

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 45

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 42da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 42da

Ftuħ ta' proċedura ta' koordinament ta' grupp

1. Il-likwidaturi jistgħu jippromwovu proċeduri ta' koordinament ta' grupp quddiem kwalunkwe mħallef kompetenti għal proċedura ta' insolvenza rigwardanti kumpanija tal-grupp, b'dana iżda li:

(a) il-proċedura rigwardanti l-kumpanija

*inkwestjoni tkun għadha għaddejja, u
(b) il-kumpaniji fil-grupp li jkollhom iċ-
ċentru tal-interessi prinċipali fl-Istat
Membru tal-imhallee adit għall-ftuħ tal-
proċedura tal-koordinament tal-grupp
iwettqu funzjonijiet essenzjali fi ħdan l-
istess grupp.*

*2. Kemm-il darba għall-ftuħ ta' proċedura
ta' koordinament ta' grupp ikunu aditi
aktar minn imhallee wieħed, tali
proċedura tinfetaħ fl-Istat Membru li fih
ikunu żvolti l-funzjonijiet li jkollhom l-
akbar rilevanza fi ħdan il-grupp innifsu.
F'dan is-sens, l-imħallfin aditi
jikkomunikaw u jikkoperaw f'konformità
mal-Artikolu 42b.*

*Jekk kemm-il darba ma jkunx possibbli li
jiġu individwati l-funzjonijiet tal-akbar
rilevanza, jista' jsir il-ftuħ tal-proċedura
ta' kordinament ta' grupp mill-ewwel
imhallee adit, sakemm ikunu sodisfatti l-
kondizzjonijiet għall-ftuħ innifsu.*

Or. it

Emenda 88
Sergio Gaetano Cofferati, Luigi Berlinguer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 45
Regolament (KE) Nru 1346/2000
Artikolu 42db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 42db

Jeddijiet u dmirijiet tal-koordinatur

**1. L-imhallee li jiddisponi l-ftuħ tal-
proċedura ta' koordinament tal-grupp
jinnomina koordinatur. Dan tal-aħħar
ikun indipendenti mill-kumpaniji tal-
grupp u mill-kredituri relattivi. Il-
koordinatur jingħatalu l-kompitu li**

(a) jindividwa u jiffformula rakkomandazzjonijiet proċedurali u tal-meritu għat-tmexxija kordinata tal-proċeduri ta' insolvenza;

(b) Iwettaq il-funzjoni ta' medjatur fil-kontroversji bejn żewġ likwidaturi jew aktar tal-kumpaniji tal-grupp; u

(c) jippreżenta pjan ta' koordinament tal-grupp li jkun jindividwa, jillustra u jirrakkomanda sensiela sħiħa ta' miżuri li jkun jirrispondu għal approċċ integrat għar-riżoluzzjoni tas-sitwazzjonijiet ta' insolvenza tal-kumpaniji tal-grupp. B'mod partikolari, il-pjan jista' jikkompreni rakkomandazzjonijiet

(i) dwar il-miżuri li jridu jiġu adottati għar-ripristinu tar-reddittività jew is-solidità finanzjarja tal-grupp jew ta' kwalunkwe waħda tal-partijiet tiegħu;

(ii) dwar il-kompożizzjoni tal-kontroversji infragrupp, b'riferiment partikolari għall-operazzjonijiet infragrupp u għall-azzjonijiet revokatorji;

(iii) dwar l-akkordji bejn il-likwidaturi tal-kumpaniji tal-grupp insolventi.

2. Il-koordinatur ikollu l-jedd

(a) jinstema' u jkun imdaħħal, l-aktar permezz tal-parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-kredituri, fl-ambitu ta' kull proċedura miftuħa, b'mod partikolari, fil-konfront tal-kumpaniji tal-grupp;

(b) jippreżenta u jillustra pjan ta' koordinament ta' grupp approvat f'konformità mal-Artikolu 42dc(3);

(c) jitlob lil kull likwidatur tagħrif ukoll jekk potenzjalment utli f'sede ta' individwazzjoni u formulazzjoni ta' strateġiji u miżuri għall-kordinament tal-proċeduri; u

(d) jitlob sospensjoni tal-proċeduri miftuħin fil-konfront ta' kull kumpanija oħra tal-grupp għal perjodu mhux itwal minn tliet xhur, kif ukoll il-waqfien tas-

sospensjoni nnifisha.

Or. it

Emenda 89

Sergio Gaetano Cofferati, Luigi Berlinguer

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 45

Regolament (KE) Nru 1346/2000

Artikolu 42dc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 42dc

Approvazzjoni tal-pjan ta' koordinament tal-grupp min-naħa tal-imhallee

1. Il-likwidaturi nominati għall-proċeduri ta' insolvenza li jkunu potenzjalment interessati mill-attwazzjoni ta' pjan ta' koordinament ta' grupp jistgħu jifformulaw osservazzjonijiet fuq il-proġett tal-pjan innifsu fi żmien terminu definti mill-koordinatur fl-att ta' preżentazzjoni tal-proġett u mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata tax-xogħol.

2. Il-proġett ta' pjan trasmess lill-imhallee għall-approvazzjoni tiegħu jkun akkumpanjat minn

(a) dokument, imħejji mill-koordinatur, li jkun jillustra l-modalitajiet tal-osservanza tal-paragrafu 1;

(b) l-osservazzjonijiet rċevuti mil-likwidaturi fil-mument tal-preżentazzjoni tal-proġett tal-pjan; u

(c) dikjarazzjoni motivata tal-koordinatur dwar il-modalitajiet tal-integrazzjoni possibbli tal-osservazzjonijiet tal-proġett tal-pjan.

3. L-imhallee japprova l-pjan jekk jaċċerta li l-koordinatur ikun osserva r-rekwiżiti formali msemmijin fil-paragrafu 2 u fl-

Artikolu 42db(1)(c).

Or. it

Emenda 90
Jean-Pierre Audy

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Emenda

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. ***Hu kkonsolidat bir-regolament li jemenda fi żmien tliet xhur mill-pubblikazzjoni tiegħu.***

Or. fr